Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

# MINUTI TAS- SITTA u TLETIN LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** L-Erbgħa, 15 ta' Jannar 2014

**Ħin:** Mis-5.30pm sa 7.20pm

**Prezenti:** It-Tabib J. Zammit Montebello
Is-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Guido Borg
Is-Sur Stephen Gatt
Is- Sur Matthew Zammit Montebello (Ambaxxatur)

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tal-ħamsa u tletin laqgħa ta' nhar il-Ġimgħa 20 ta' Diċembru 2013. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mis-Sur Stephen Gatt, li kien issekondat mis- Sur Guido Borg. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

## 2. Mill-Minuti

Ma kien hemm ebda kummenti xi jsiru

## 3. Estimi Finanzjarji 2014

L-Estimi *draft* emendati għas-sena finanzjarja 2013 tqegħdu fuq il-mejda tal-Kunsill (mehmuża). Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Is somma allokata mill-Gvern Ċentrali hi ta' € 249,137

Is- Sindku semma li l-allokazzjoni li ngħatat hi prattikament bħal dik tas- sena 2013 fejn l-ispejjez amminstrattivi kull sena jiżdiedu u dan ikollu effett fuq l-operat tal-Kunsill pero' grazzi għal-fatt li l-Kunsill matul dawn l-aħħar snin irnexxielu jġemma u għandu bilanċ posittiv ser jkun jista' jwettaq ċertu proġetti li l-Kunsill kien ikkommetta ruħu li jsiru li huma l-kumplament ta' Triq Ġużè Bonnici, Triq L Għerusija kif wkoll il-proġett parti ffinanzjat mill-UIF biex jitwaħħlu arbli tad-dwal dekorattivi fil-parti antika tar-raħal.

Hekk kif jitlestew, f'kaz illi jibqgħu xi fondi,il-Kunsill ser jagħmel *large patching areas* fil-parti l-ġdida ta' Ħal Balzan ( Birbal *area*).

Is-Segretarju Eżekuttiv ser jipprezenta kopja fil-*format* formali skont ir-regolamenti biex tiġi approvata u ffirmata waqt il-laqgħa li jmiss.

## 4. Performance Appraisals tas- Segretarju Eżekuttiv u Ħaddiema Klerikali

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu r-rapporti tal-Effiċjenza għas-sena 2013 fir-rigward tas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill, s-Sinjur Mark Mallia. Tqiegħdu wkoll fuq il-mejda tal-Kunsill, estratti mill-avviż legali 127 tal-1998 (artiklu 19) u minn avviz legali 64 tal-2001 (artiklu 3). Il-Kunsill iddiskuta r-rapport tas-Segretarju Eżekuttiv. F'dan il-ħin is-Segretarju Eżekuttiv kien skuzat mil-laqgħa u ħareġ mill-kamra. Il-Kunsill iddiskuta l-materja u talab lis-Segretarju Eżekuttiv jerġà jidħol fil-kamra. Is-Sindku nforma lis-Segretarju Eżekuttiv illi l-Kunsill unanimament approva performance bonus ta' 10% tas-salarju. Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzja lill-Kunsill.

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu r-rapporti tal-Effiċjenza għas-sena 2013 fir-rigward tal-impjegati tal-Kunsill, s-Sinjura M. Casha u s-Sinjorina D. Farrugia. Tqiegħdu wkoll fuq il-mejda tal-Kunsill, estratti mill-avviż legali 127 ta' l-1998 (artiklu 19) u minn avviz legali 64 ta' l-2001 (artiklu 3). Il-Kunsill unanimament approva li s-Sna M. Casha tingħata performance bonus ta' 6% tas-salarju tagħha filwaqt li s-Sna D. Farrugia tingħata performance bonus ta' 6% tas-salarju tagħha.

## 5. Punti oħra

Il-Kunsill rċieva email mingħand s- Sur Micallef biex il-bankina ta' quddiem il-garaxx tad-dar tiegħu fi Triq Antonio Micallef titbaxxa biex il-karozza tkun tista' tidħol fil-garaxx. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li ssir bi spejjeż tiegħu u tiħalla fis-stat li kienet.

Il-Kunsill rċieva email mingħand Transport Malta biex il-Kunsill jagħmel il-konsultazzjoni meħtieġa rigward il-One way fi Triq Sisner u jiddeċiedi hu fejn ser titwaħħal. Is- Sindku rrimarka li dawn il-kunsultazzjonijiet kienu diġa saru u ħadna il-kummenti tar-residenti u ntbgħatu lilhom għal-kunsiderazzjoni. Huwa kien jippretendi li Transport Malta tagħmel rapport tekniku u tissuġerixxi hi fejn teħel l-aħjar. Għal Kunsill l-importanti li tiġi mħarsa is-saħħa u s-sigurta' tar-residenti. Il-Kunsill talab lis- Segretarju biex jikteb lil Transport Malta biex jintbgħat dan ir-rapport u tittieħed deċizjoni finali.

Talba mingħand il- Corinthia Group of Companies biex fejn il-lukanda fi Triq Vjal De Paule jkollhom reserved parking għal-tlett ijiem sħah waqt konferenza li ser ssir għal- 250 ruħ nhar it- 22 ta' Jannar 2014. Il-Kunsill talab lis- Segretarju biex jiltaqa' fuq il-post mal-manager tal-lukanda għaliex jekk it-talba qegħda għat-triq kollha żgur li mhux ser jingħata permess. F'kaz li huma qed jirrferu għal ta' quddiem il-lukanda biss, il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni.

Il-Kunsill tkellem fuq id-data ta' meta għandha ssir il-Laqgħa Annwali tal-Lokalita'. Il-Kunsill għasu ma ddeċidix għal data stabbilita pero' jekk jista' jkun din ssir sa l-aħħar ta' Frar.

## 6. Korrispondenza

**Ittra Nru 3554**: Email mingħand l-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn id- Dipartiment tal-Kura Primarja tas- Saħħa ser jorganizza taħditiet rigward is- saħħa għall-attenzjoni tal-Kunsill.

**Ittra Nru 3540**: Email mingħand residenti li joqgħodu f' De Vihena Mansions, Triq Birbal biex tiġi installata mera faċċata tad-daħla tal-garaxx tagħhom. Triq Birbal hija arterja principali u taqa' taħt il-kontrol tal-Gvern Ċentrali. Il- Kunsill mas sabx oġġezzjoni u t-talba ser tintbgħat lil Transport Malta għall-kunsiderazzjoni.

Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-ittri l-oħra li rċevejna u qabel li jkompli jsegwi l-interessi tal-Kunsill kif ikun meħtieġ

**7. Rapport dwar l-Ilmenti**

**Ilment Nru. 17014014204032**: Talba biex isiru xi tip ta' reflectors mas-siġra li hemm fejn il-parkeġġ tal-Big Ben, f' Wied Ħal Balzan. Il – Kunsill approva li dawn isiru.

**8. Komunikazzjoni tas-Sindku**

Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-ġimgħa d-dieħla huwa kien ser ikollu appuntament ma' L-Onor. Jose' Herrera fuq il-problema ta' l-uffiċċju tal-Kunsill minn fejn ikun jista' jaħdem.

**9. Approvazzjoni biex isir il-ħlas u ħlas ta' Petty Cash**

Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tas-15 ta' Jannar 2014 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 39,496,12.

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier is-Sur Desmond Zammit Marmara li kien issekondat mill-Viċi Sindku is-Sur Joe Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

**10. Suġġerimenti u Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Is- Sur Guido Borg:

Il-Kunsillier Guido Borg informa lill-Kunsill li ġie avviċinat mis- Sur Marco Bartolo biex tittella' attivita fuq il-Veterani tal-Palk. Bil-kollaborazzjoni tas- Sur Desmond Zammit Marmara' li huwa inkarigat mill-Kultura huwa ser jaħdem fuqa u tingħata aktar informazzjoni il-quddiem.

Is-Sur Desmond Zammit Marmara':

Huwa ressaq ilment tas- Sur Lino Borg biex il-planters li hemm ħdejn iz-zuntier tal-knisja isirilhom xi tip ta' intervent biex l-ilma jkun jista' joħroġ minnhom. Il-handyman ser jara' x'jista' jsir. Ieħor kien biex il-paviment li hemm quddiem il-bus stop jkun aktar lixx. Il-Kunsill ser jikteb lill-Transport Malta biex jieħdu azzjoni u l-aħħar ħaga biex jingħataw id-dettagli tal-Kuntrattur tad-dwal biex ikellmu rigward il-lampi li hemm fuq iz-zuntier tal-knisja.

Tressaq ilment mis- sur J. Vassallo biex l-isprall ta' quddiem il-Kazin PN qed izomm l-ilma milli jgħaddi għal ġo l-isprall li għandu d-dar tiegħu. Is-Segretarju infurmaħ li azzjoni diġa ttieħdet u l-perit mar fuq il-post biex jara x'jista' jsir.

Is- Sur Zammit Marmara infurma lill-Kunsill li ġie avviċinat mis- Sur Daniel Muscat biex kif sar s-sena l-oħra jiġi inawgurat seminar bit tema' Ħal Balzan- "Il-Bieraħ, llum u l-Futur" u din ser tittella' nhar it- 28 ta' Frar 2014 fis- 7.15pm fil-Kazin Maria Annunzjata.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa, 5 ta'Frar 2014 fil-5.30pm.

______________________
**Dr. J. Zammit Montebello**
Sindku

______________________
**Mark Mallia**
Segretarju Ezekuttiv

______________________
Data